# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 231/2014**

Il-Pulizija

vs

**Anthony Borg**

iben George, imwieled Pieta', fit-13 ta' Settembru, 1977, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 469377(M)

Illum, 3 ta' Frar, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Anthony Borg quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli meta b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bejn id-9 ta' Novembru, 2013 sas-6 ta' Dicembru, 2013 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil Claudette Portelli u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghalija u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-26 ta’ Mejju, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat hati u ikkundannatu xahar detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant Anthony Borg ipprezentat fit-3 ta’ Gunju, 2014 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza fuq indikata tas-26 ta' Mejju, 2014 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura billi tilliberah mill-akkuza dedotta kontra tieghu.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ma ghamiltx bir-rispett kollu apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti. L-appellant ghandu disabbilta' u ma jistax jhallas il-manteniment.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi mill-verbal tas-seduta tat-3 ta' Frar, 2016 jirrizulta li l-parte civile nfurmat lill-Qorti li l-appellant hallas dak kollu dovut.

Ghaldaqstant, tikkonferma s-sentenza ghal dak li jirrigwarda s-sejbien ta' htija. Dwar il-piena, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn l-appellant gie kkundannat ghal xahar detenzjoni u minflok tilliberah taht il-provvedimenti tal-artikolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur mil-lum.